# 74. Il-Missjunarju fl-Indja

Mhux il-ġmiel,
u mhux is-silġ u l-bjuda
tal-Imalajja
ġol-ikħal tas-smewwiet mgħiba, mitlufa,
kollha jleqqu,
kollha jtektku
bil-frak irqiq tad-deheb mix-xemx imraxxax;
Mhux il-ħlewwa
u mhux l-ilwien u l-ħdura
tal-wita ta’ Kaxmir imdawra bl-iġbla,
imsoqqija,
ferreħija
bid-daħqa tal-widien u tal-għadajjar;
Mhux id-dija
u t-tiżwiq
tal-ġawhar u tal-ħaġar
moħbija ġol-għerien matul il-Ganġi,
Imma l-ħruq
il-għatx, il-kruha, n-nixfa,
ta’ art ftit imsoqqija
fejn ix-xemx tisreġ f’sema fgat bin-nar;
Imma l-faqar
tas-Santali mibgħuda,
imwarrba, qatt imsabbra;
Imma d-dwejra
żgħira
tat-tajn u tal-bambu’,
U mbagħad il-mewt
fuq blata,
imwarrab minn kulħadd, minn art twelidu,
minn ommu, minn missieru,
imdawwar biss mid-dawl,
mil-lwien u mis-sbuħija
tal-Anġli,
mid-dija tal-Mulej
li jilqgħu ġewwa jdejh u jgħannqu miegħu.